

31996R2443

L 333/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.12.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2443/96**tas-17 ta' Diċembru 1996****li jipprovdi miżuri addizzjonali għall-appoġġ dirett ta' l-introjti tal-produtturi jew għas-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi, fid-dawl tad-diffikultajiet serji li għadhom jissoktaw fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella li jirriżultaw mit-tħassib tal-konsumaturi rigward l-enċefalopatija sponġiforma ta' l-ifrat (BSE) u b'żieda ma' dawk il-miżuri li kienu ttiēdu għalbiex jappoġġjaw l-introjti tal-produtturi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1357/96 ⁽²⁾, huma meħtieġa miżuri addizzjonali għall-appoġġ dirett ta' l-introjti tal-produtturi jew għas-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella;

Billi l-ammont tal-ghajjnuna disponibbli għal kull Stat Membru għall-appoġġ dirett għall-introjti tal-produtturi jew għas-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella għandu jiġi mqassam skond sistema li tqis, b'mod partikolari, id-daqs tal-merħla ta' l-ifrat f'kull Stat Membru; billi huwa approprijat illi l-Istati Membri għandhom iqassmu l-ammont totali tal-finanzi disponibbli fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, filwaqt li jevitaw kull tagħwiġ tas-suq;

Billi, għal raġunijiet ta' l-estimi finanzjarji, il-Komunità għandha tiffinanzja n-nefqa miġrura mill-Istati Membri rigward l-appoġġ dirett għall-introjti tal-produtturi jew għas-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella biss fejn dawn il-ħlasijiet isiru sa ċertu temma taż-żmien,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jużaw l-ammonti ddikjarati fl-Anness sabiex jagħmlu l-ħlasijiet addizzjonali, skond kriterji oġġettivi, għalbiex jappoġġjaw l-introjti tal-produtturi jew

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-17 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

I. YATES

is-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella fit-territorju tagħhom, sakemm dawn il-ħlasijiet ma jikkawżawx tagħwiġ fil-kompetizzjoni.

Artikolu 2

1. Il-miżuri introdotti bl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala l-intervent maħsub għalbiex jiġu stabbilizzati s-swieq agrikoli fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola ⁽³⁾.

2. Il-Komunità għandha tiffinanzja l-ispiża miġrura mill-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu l-ħlasijiet riferiti fl-Artikolu 1 biss fejn dawk il-ħlasijiet isiru mill-Istati Membri mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 1997.

Artikolu 3

Ir-rata tal-kambju li trid tiġi applikata għandha tkun ir-rata agrikola valida fl-1 ta' Diċembru 1996.

Artikolu 4

Kull regola ddettaljata meħtieġa sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament għandha tiġi adottata skond il-proċedura ddikjarata fl-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella ⁽⁴⁾.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Ma għandux jibda japplika qabel il-jum li fih l-estimi finanzjarji ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 1997 ikunu ġew iddikjarati bħala finalment adottati.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Diċembru 1996 (għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽²⁾ ĠU L 175, tat-13.7.1996, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1287/95 (ĠU L 125, tat-8.6.1995, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2222/96 (ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 50).

L-ANNEX

L-ammonti riferiti fl-Artikolu 1

| | <i>ECU (Miljuni)</i> |
|----------------|----------------------|
| Il-Belġju | 22,12 |
| Id-Danimarka | 12,29 |
| Il-Ġermanja | 98,33 |
| Il-Greċja | 1,47 |
| Spanja | 28,52 |
| Franza | 117,01 |
| L-Irlanda | 36,87 |
| L-Italja | 44,25 |
| Il-Lussemburgu | 1,47 |
| L-Olanda | 32,45 |
| L-Awstrija | 10,32 |
| Il-Portugall | 5,90 |
| Il-Finlandja | 5,90 |
| L-Isvezja | 10,32 |
| Ir-Renju Unit | 64,41 |
